20 ta' Novembru, 1954

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Salvatore Seychell

**Sentenza — Piena — Nullità — Inkonvenjent — Art. 23, 389(3), 316(1), u 440(3) tal-Kap. 12**

*Sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati li sab l-imputat ħati li naqas li jżomm loki regolari u l-kutusi ta' l-ilma tax-xita fi stat tajjeb ta' tiswija, u ordnatlu biss li jottempera ruħu mal-liġi min-*

*għajr ma tapplika piena kontra tiegħu, u fl-istess ħin mingħajr ma tapplika favur tiegħu l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, hija nulla; għax sentenza li ssib l-imputat ħati għandha tinkludi l-piena, u l-ordni hekk mogħti kawa in aġġunta għall-piena, u mhux minflokha; u vjolazzjoni simili ġġib għan-nullità tas-sentenza minħabba nuqqas ta' formalità sostanzjali fis-sentenza.*

*Jekk it-tiswija ssir waqt il-kors tal-kawża, hemm ukoll lok għaddikjarazzjoni ta' reità, għax meta ħarġet iċ-ċitazzjoni kien hemm l-infrazzjoni tal-liġi. Biss ma hemmx lok li jingħata l-ordni biex l-imputat jottempera ruħu mal-liġi.*

Il-Qorti: — Rat l-imputazzjoni kontra l-imsemmi Seychell talli f'dawn il-granet, iż-Żejtun, St Anthony Street, nru. 17, żamm dar mingħajr loki regolari; barra minn dan, żamm il-katusi ta' l-ilma tax-xita fi stat ħażin ta' tiswija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-1 ta' Settembru 1954, li biha sabet l-imputat ħati, u ngħatu xahar żmien biex jikkonforma ruħu mal-liġi, taħt penali ta' żewġ xelini kull jum ta' ritard;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza appellata l-Maġistrat ma ta ebda piena. Ġaladarba ma kienx hemm l-applikazzjoni ta' l-art. 23 Kap. 12, is-sentenza kellha tinkludi l-piena (art. 394 Kap. 12). Il-fatt li kien hemm l-ordni biex l-imputat jottempera ruħu mal-liġi ma hux biżżejjed, għaliex dak l-ordni hu in aġġunta tal-piena, u mhux minflokha (389/3) Kap. 12, u 316(1) Kap. 13). Vjolazzjoni simili ġġib għan-nullità tas-sentenza minħabba nuqqas ta' formalità sostanzjali (art. 440(3) Kap. 12). Ara, għal każijiet ta' nullitajiet minħabba nuqqas ta' formalità oħra simili, Appell Kriminali "Pulizija vs. Farrugia" 29 ta' Frar, 1936; "Pulizija vs. Rokku Cachia" 25 ta' Settembru, 1937; u qabel, "Pulizija vs. Vella" 11 ta' Diċembru, 1929; "Portelli vs. Mercieca", u "Borg vs. Mercieca", deċiżi prelimi-

narjament fil-25 ta' Novembru, 1931, u definitivament fid-9 ta' Diċembru, 1931;

Għalhekk din il-Qorti tiddikjara nulla s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u tipproċedi għad-deċiżjoni fil-meritu skond dan l-artikolu;

**Ikkunsidrat;**

Mill-provi deher li, kwantu għall-katusi ta' l-ilma taxxita, għalkemm dawn kienu għadhom miksurin meta nħarġet iċ-ċitazzjoni, però ġew imsewwijin waqt li kienet qegħedha issir il-kawża ta' Isfel. Għalhekk, għalkemm hemm lok għad-dikjarazzjoni ta' reità dwarhom, għax meta ħarġet iċ-ċitazzjoni kien hemm il-infrazzjoni tal-liġi, però ma hemmx lok għall-ordni ta' ottemperanza għall-liġi għar-rigward tal-katusi.

Kwantu għan-nuqqas ta' W.C., peress li mill-provi deher, almenu *"prima facie"*, li dan il-fond nru. 17 ta' l-appellant kien jikkomunika ma' fond attigwu ta' Carolina Valletta permezz ta' bieb minn bitħa għal bitħa, sabiex l-appellant jgħaddi minn dak il-bieb u jisserva bid-W.C. li hemm fil-fond attigwu nru. 16, u li dan il-bieb ġie mbarrat, u peress li jirriżulta li b'ċitazzjoni 710 ta' l-1954 l-appellant ipproċeda kontra sid il-fond attigwu għal spoll, u peress li għalhekk hu l-każ li, dwar din il-parti ta' l-imputazzjoni, il-proċeduri kriminali jitwaqqfu sa' l-eżitu ta' l-azzjoni hekk intentata "civiliter";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi, wara li rat l-art. 104(1), 313 u 314 Kap. 13, kwantu għall-imputazzjoni dwar il-katusi, tiddikjara l-imputat ħati ta' dik l-imputazzjoni u tikkundannah għall-piena ta' l-ammonizzjoni u riprensjoni; u kwantu għall-imputazzjoni l-oħra, ta' nuqqas ta' W.C., tħalli l-kawża "sine die", salv eżitu definitiv tal-proċeduri ċivili, riappuntabbli, appena jkun il-każ, fuq talba verbali tal-parti l-waħda jew l-oħra.